



BANK ĊENTRALI EWROPEW
SUPERVIŻJONI BANKARJA

Direttorat Ġenerali Finanzi
Taqsimat Baġit u Kontroll

ECB-PUBLIC

Jekk jogħġbok uża din il-

link <https://www.bankingsupervision.europa.eu/pdf/291fab8ddc7235156598/html/index.en.html> biex taqra din l-ittra b'lingwa oħra.

Għażiż Sinjur/Għażiża Sinjura,

Qegħdin niktibulek fil-kapaċità tiegħek ta' debitur tariffarju rreġistrat mal-portal onlajn <https://pasos.ecb.europa.eu/banklogin> tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għat-tariffi superviżorji.

Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk il-banek li bagħtu l-fatturi tariffarji tagħhom lill-awtorità nazzjonali kompetenti rispettiva. Id-dejta tal-fatturi tariffarji li bgħattilna issa ġiet ippubblikata fil-portal onlajn biex tkun tista' tivverifikaha. Jekk tara li d-dejta mhijiex korretta, tista' tagħmel il-kummenti tiegħek billi tikkuntattja lill-BĊE sas-6 ta' filgħaxija CET tas-17 ta' Awwissu 2017 f'dan l-indirizz tal-posta elettronika: SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu. Wara din id-data, il-fatturi tariffarji se jintużaw biex tiġi kkalkulata t-tariffa superviżorja annwali li għandek tħallas għall-2017.

Il-BĊE kkalkula l-fatturi tariffarji għal dawk il-ftit banek li ma bagħtuhomx skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41) https://www.bankingsupervision.europa.eu/ecb/legal/pdf/oj_jol_2014_311_r_0006_mt_txt.pdf. Jekk il-fatturi tariffarji ma jintbagħtux, dan jitqies bħala ksur tar-Regolament imsemmi hawn fuq.

Jekk ikollok mistoqsijiet dwar l-obbligi tiegħek jew dwar kwistjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mat-tariffi, il-BĊE huwa lest jagħtik l-għajnuna meħtieġa bil-posta elettronika SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu. Barra dan, il-websajt tas-Superviżjoni bankarja tal-BĊE <https://www.bankingsupervision.europa.eu/organisation/fees/html/index.mt.html> fiha tagħrif ġenerali siewi dwar it-tariffi superviżorji.

Tislijiet,

It-tim tal-BĊE – Mistoqsijiet dwar tariffi tal-MSU